

31996R2406

L 334/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.12.1996

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2406/96****tas-26 ta' Novembru 1996****li jistabbilixxi standards komuni għall-marketing għal ċerti prodotti ta' l-industrija tas-sajd**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3759/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti ta' l-industrija tas-sajd u ta' l-akwakultura <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi ġew stabbiliti standards ta' tqegħid fis-suq għal ċerti speċi ta' ħut mir-Regolament (KEE) Nru 103/76 <sup>(2)</sup> u għal ċerti speċi ta' krostaċi mir-Regolament (KEE) Nru 104/86 <sup>(3)</sup>; billi issa hemm bżonn li jsiru emendi ġodda estensivi għal dawn ir-Regolamenti sabiex jiġu riflessi l-iżviluppi fis-suq u l-bidliet fil-prattiki tal-kummerċ; billi għalhekk huwa meħtieġ li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu riveduti għal kollox, fi strument legali wieħed, biex jiġi żgurat li huma ċari u li jistgħu jiġu applikati b'mod xieraq; billi konsegwentement, ir-Regolamenti (KEE) Nru 103/76 u (KEE) Nru 104/76 għandhom jiġu ssostitwiti;

Billi l-għanijiet ewlewnin ta' l-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq għal prodotti ta' l-industrija tas-sajd huma li tittejjeb il-kwalità tal-prodotti u għalhekk jiffaċilitaw it-tqegħid fis-suq għall-benefiċċju kemm tal-produtturi kif ukoll tal-konsumaturi; billi, minħabba li l-prodotti ta' l-industrija tas-sajd mhumiex ipproċessati u jinbiegħu friski jew imkessħin, il-kwalità tagħhom hija

stabbilita fil-biċċa l-kbira mill-freskezza tagħhom, li hija valutata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi permezz ta' l-eżaminazzjoni organoletika; billi, jekk grupp ta' prodotti ta' l-industrija tas-sajd għandhom jkunu friski b'mod uniformi, huma għandhom jikkonsistu fi prodotti ta' l-istess speċi, u jistgħu jiġu biss mill-istess postijiet tas-sajd u mill-istess vapur;

Billi għandu jiġi stabbilit numru żgħir iżda xieraq ta' kategoriji ta' freskezza bbażati fuq gradazzjonijiet għal gruppi ta' prodotti ndividwali; billi, iżda, minħabba l-bżonn li jiġu megħjunin il-prodotti ta' kwalità, sa l-aktar tard mill-1 ta' Jannar 2000, mhux il-kategoriji ta' freskezza kollha għandhom jitħallew jikkwalifikaw għal mekkaniżmi ta' l-intervent ntrodotti bħala parti mill-arranġamenti ta' l-organizzazzjoni tas-suq;

Billi l-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq huma mmirati wkoll sabiex jiddefinixxu karatteristiċi ta' kummerċ uniformi għall-prodotti imsemmija tul is-suq kollu tal-Komunità sabiex ma jkunx hemm tgħawwiġ fil-kompetizzjoni u, t-tieni nett, sabiex jagħtu l-possibilità li l-arranġamenti tal-prezzijiet ta' l-organizzazzjoni tas-suq jiġu applikati b'mod uniformi; billi, għal dak il-għan, għandu jkumn hemm ħtiġiet li prodotti ta' l-industrija tas-sajd jiġu ggradati fuq il-bażi tal-kategoriji tad-daqs stabbiliti skond il-piż jew, f'xi każijiet individwali, skond id-daqs;

Billi l-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq japplikaw meta l-prodotti kollha nvoluti, ta' oriġini mill-Komunità jew minn pajjiżi terzi, maħsubin għall-konsum mill-bnedmin, qegħdin jinbiegħu għall-ewwel darba fit-territorju tal-Komunità; billi l-livelli japplikaw mingħajr ħsara għal regoli ta' saħħa jew għal regoli addottati bħala parti minn miżuri ta' konservazzjoni ta' ħażniet; billi b'mod partikolari huwa importanti li wieħed jiftakar l-importanza primarja, f'kull ċirkostanza, ta' kwalunkwe daqs minimu bijoloġiku fis-seħħ, kontra d-daqsijiet minimi stabbiliti għal prodotti ta' l-industrija tas-sajd mill-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq;

Billi l-applikazzjoni ta' l-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq għal prodotti li jiġu minn pajjiżi terzi tfisser li għandu jintwera tagħrif addizzjonali fuq l-imballaġġ; billi dan it-tagħrif hemm bżonn li

(1) ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 3318/94 (ĠU L 350, tal-31.12.1994, p. 15).

(2) ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 9. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KEE) Nru 1935/93 (ĠU L 176, ta' l-20.7.1993, p. 1).

(3) ĠU L 20, tat-28.1.1976, p. 35. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1300/93 (ĠU L 126, tad-9.6.1995, p. 3).

jintwera, madankollu, fejn il-prodotti jinġiebu fil-Komunità permezz ta' vapuri li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz taħt l-istess kondizzjonijiet tal-qabdiel tal-Komunità;

Billi, minħabba l-prattiċi normali fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri, huwa tal-parir li l-industrija għandha tiggħada l-prodotti tas-sajd għall-freskezza u d-daqs; billi, bil-ħsieb partikolari li tiġi evalwata l-freskezza fuq bażi ta' kriterji organolettiċi, għandha ssir dispożizzjoni għall-kollaborazzjoni ta' l-esperti maħturin għal dan il-għan mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ interessati;

Billi, sabiex iżommu lil xulxin informati, kull Stat Membru għandu jforni lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'lista ta' l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-esperti u l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ interessati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## A. Dispożizzjonijiet ġenerali

### L-Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi għal ċerti prodotti ta' l-industrija tas-sajd, l-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq kif hemm dispożizzjoni għalihom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3759/92, hawn taħt imsejjaħ ir-"Regolament bażiku".

2. Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

- (a) "tqegħid fis-suq" għandha tfisser l-ewwel offerta għall-bejgħ u/jew l-ewwel bejgħ, fuq territorju tal-Komunità, għall-konsum mill-bniedem;
- (b) "lott" għandha tfisser kwantità ta' prodotti ta' l-industrija tas-sajd ta' speċi partikolari li għet soġġetta għall-istess trattament u tista tkun għet mill-istess postijiet tas-sajd u mill-istess vapur;
- (ċ) "postijiet tas-sajd" għandha tiġi interpretata bħala l-isem normali mogħti mill-industrija tas-sajd lill-post fejn saru qabdiel;
- (d) "preżentazzjoni" għandha tfisser il-forma li fiha l-ħut jiġi mibjugħ, bħala sħiħ, imnaddaf, bla ras, eċċ.;
- (e) "parassita viżibbli" għandu jfisser parassita jew grupp ta' parassiti li għandu/għandha daqs, kulur jew tessut li jintgħaraf b'mod ċar mit-tessuti tal-ħut u li tista' tarah mingħajr mezz ottiċi ta' l-ingrandiment u taħt kondizzjonijiet tajba ta' dawl għal viżjoni umana.
3. (a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li għandhom x'jaqsmu ma' kategoriji ta' freskezza ta' prodotti tas-sajd għandhom jiġu applikati mingħajr ħsara għar-rekwiżiti

tad-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produttjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti tas-sajd <sup>(1)</sup>.

- (b) Sakemm tiġi addotta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni taħt id-Direttiva 91/493, il-kriterji għal ħut li mhuwiex xieraq għal konsum mill-bniedem huma mniżżlin fil-kategorija "mhux ammessi" fl-Anness I għal dan ir-Regolament:

### L-Artikolu 2

1. Prodotti tas-sajd, kif speċifikati fl-Artikolu 3, ta' oriġini Komunitarja jew minn pajjiżi terzi, jistgħu jinbiegħu biss jekk jissodisfaw il-ħtieġa ta' dan ir-Regolament.
2. Dan ir-Regolament m'għandux, madankollu, japplika għal kwantitajiet żgħar ta' prodotti li jiġu mqassma direttament lill-bejjiegħa bl-immut jew konsumaturi mis-sajjeda tax-xatt.
3. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tar-Regolament bażiku.

### L-Artikolu 3

1. L-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq qegħdin huma stabbiliti b'dan il-mezz għall-prodotti li ġejjin:

(a) Ħut ta' l-ilma baħar li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0302:

- barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*),
- alonga jew tonn tal-pinen twal (*Thunnus alalunga*),
- tonn tal-pinna blu (*Thunnus thynnus*),
- tonn ta' għajnejh kbar (*Thunnus jew Parathunnus obesus*),
- aringa ta' l-ispeċi *Clupea harengus*,
- merluzz ta' l-ispeċi *Gadus Morhua*,
- sardin ta' l-ispeċi *Sardina pilchardus*,
- bakkaljaw (*Melanogrammus aeglefinus*),
- lipp (*Pollachius virens*),
- pollakkju (*Pollachius pollachius*),
- kavall ta' l-ispeċi *Scomber scombrus*,
- kavall ta' l-ispeċi *Scomber japonicus*,
- sawrell (*Trachurus spp.*),
- dogfish (*Squalus acanthias u Scyliorhinus spp.*),
- redfish (*Sebastes spp.*),
- merlangu (*Merlangius merlangus*),
- stokkafixx (*Micromestistius poutassou jew Gadus poutassou*),

(1) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar permezz tad-Direttiva 96/23/KE (ĠU L 125, tat-23.5.1996, p. 10).

- ling (*Molva* spp.),
  - inċova (*Engraulis* spp.),
  - merluzz ta' l-ispeċi ta' *Merluccius merluccius*,
  - megrim (*Lepidorhombus* spp.),
  - Rajja (*Brama* spp.),
  - petriċa (*Lophius* spp.),
  - barbun (*Limanda limanda*),
  - lingwata (*Microstomus kitt*),
  - pouting (*Trisopterus luscus*), u meluzz fqir/merluzz tal-Mediterran (*Trisopterus minutus*),
  - vopa (*Boops boops*)
  - picarel (*Maena smaris*),
  - conger (*Conger conger*),
  - gurnard (*Trigla* spp.),
  - mulett (*Mugil* spp.),
  - Raja (*Raja* spp.),
  - Flounder komuni (*Platichthys flesus*),
  - lingwata (*Solea* spp.),
  - scabbardfish (*Lepidopus caudatus* u *Aphanopus carbo*);
- (b) Krustaċji li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0306 kemm jekk jiġu ppreżentati ħajjin, friški jew imkeshin, jew imsajrin permezz ta' fwar jew b'togħlija fl-ilma:
- gambli (*Crangon crangon*) jew gambli pandalid (*Pandalus borealis*),
  - granċijiet li jittiekle (*Cancer pagurus*),
  - awwisti tan-Norveġja (*Nephrops norvegicus*);
- (ċ) Ċefalojdi li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0307:
- siċċ (*Sepia officinalis* u *Rossia macrosoma*).

2. L-istandards komuni ta' tqegħid fis-suq msemminjiet fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

- (a) kategoriji tal-freskezza; u
- (b) kategoriji ta' daqs.

## B. Kategoriji ta' freskezza

### L-Artikolu 4

1. Il-kategorija ta' freskezza ta' kull lott għandha tiġi stabbilita fuq il-bażi tal-freskezza tal-prodott u numru ta' ħtiġiet addizzjonali.

Il-freskezza għandha tiġi mfissra b'riferenza għal gradazzjonijiet speċjali għal tipi differenti ta' prodotti stipulati fl-Anness I.

2. Fuq il-bażi tal-gradazzjonijiet imsemminjiet fil-paragrafu 1, prodotti kif speċifikati fl-Artikolu 3 għandhom jiġu kklassifikati skond il-lott f'waħda mill-kategoriji ta' freskezza li ġejjin:

- (a) *Extra*, A jew B fil-każ ta' ħut, *selachii*, ċefalojdi u awwisti tan-Norveġja;
- (b) *Extra* jew A fil-każ ta' gambli.

Iżda, l-awwisti tan-Norveġja ħajjin għandhom jiġu kklassifikati fil-kategorija E.

3. Ġranċ kif speċifikat fl-Artikolu 3 m'għandux ikun soġġett għal standards ta' freskezza speċifiċi.

Iżda, jistgħu jitqiegħdu fis-suq granċijiet sħaħ biss, bl-esklużzjoni ta' nisa bil-bajd jew granċijiet tal-qoxra ratba.

### L-Artikolu 5

1. Kull lott għandu jkun fih prodotti ta' l-istess grad ta' freskezza. Iżda, m'hemmx b'żonn li lott żgħir jkun ta' freskezza uniformi; jekk ma jkunx, il-lott għandu jitqiegħed fl-aktar kategorija ta' freskezza baxxa rappreżentata fih.

2. Il-kategorija ta' freskezza għandha tkun immarkata b'mod ċar u mingħajr ma tista' titħassar, f'ittri li jkun kbar għallinqas 5 cm, fuq tikketti mehmużin mal-lott.

### L-Artikolu 6

1. Ħut, *selachii*, ċefalojdi u awwisti tan-Norveġja kif speċifikati fl-Artikolu 3 mqegħdin skond il-lott fil-kategorija B m'għandhomx ikun eleġibbli, sal-punt safejn ikun ikkuncernat dak il-lott, għall-għajna finanzażja mogħtija għall-irtirar kif hemm stipulat fl-Artikoli 12, 12(a), 14 u 15 tar-Regolament bażiku.

2. Ħut, *selachii*, ċefalojdi u awwisti tan-Norveġja fil-kategorija ta' freskezza *Extra* għandhom ikunu ħielsa minn marki ta' tagħfis, feriti tebġat u skolorazzjoni gravi.

3. Ħut, *selachii*, ċefalojdi u awwisti tan-Norveġja fil-kategorija tal-freskezza A għandhom jkunu ħielsa minn tebġat jew skolorazzjoni gravi. Proporzjonijiet żgħar ħafna b'marki ta' tagħfis ħfief u feriti superfiċjali għandhom jiġu tollerati.

4. Għal ħut, *selachii*, ċefalojdi u awwisti tan-Norveġja fil-kategorija ta' freskezza B, proporzjonijiet żgħar ta' marki ta' tagħfis u feriti superfiċjali għandhom jkunu tollerati. Il-ħut għandu jkun ħieles minn tebġat u skolorazzjoni gravi.

5. Meta prodotti jkunu qegħdin jiġu kklassifikati skond il-kategorija tal-freskezza, mingħajr preġudizzju għar-regoli tas-saħħa applikabbli, il-preżenza ta' parasiiti viżibbli u l-effett possibbli tagħhom fuq il-kwalità tal-prodott għandhom jitqiesu wkoll, b'tolleranza għat-tip tal-prodott u għall-preżentazzjoni tiegħu.

6. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati, fejn meħtieġ, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tar-Regolament bażiku.

### Ċ. Kategoriji tad-daqs

#### L-Artikolu 7

1. Prodotti kif speċifikati fl-Artikolu 3 għandhom jitkejlu skond il-piż jew skond in-numru kull kilogramm. Iżda, gambli u grancijiet, għandhom jiġu gradati f'kategoriji tad-daqs skond il-wisa' tal-qoxra.

2. Id-daqsijiet minimi stabbiliti permezz ta' dan ir-Regolament, skond l-iskali stabbiliti fl-Anness II, għandhom japplikaw min-għajr ħsara għat-tulijiet minimi meħtieġa hawn taħt:

- Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1866/86 tat-12 ta' Ġunju 1986 li jstabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Baħar Baltiku, il-Belts u s-Sound <sup>(1)</sup>,
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3094/86 tas-7 ta' Ottubru 1986 li jstabbilixxi ċerti metodi tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd <sup>(2)</sup>,
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1626/94 tas-27 ta' Ġunju 1994 li jstabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd fil-Mediterran <sup>(3)</sup>.

Għall-għanijiet ta' kontroll mill-awtoritajiet kompetenti, l-ispeċi koperti mill-istandards ta' tqegħid fis-suq għandhom jirrispettaw id-daqs bijoloġiku minimu kif stipulat u li huwa mniżżel fl-Anness II.

#### L-Artikolu 8

1. Il-lottijiet għandhom jitqiegħdu fil-kategoriji tad-daqs skond l-iskala stabbilita fl-Anness II.

2. Kull lott għandhu jkun fih prodotti ta' l-istess daqs. Madankollu, m'hemmx għalfejn li lott żgħir jkun ta' daqs uniformi; jekk ma jkunx uniformi, l-lott għandu jitqiegħed fl-inqas kategorija tad-daqs rappreżentata fih.

3. Il-kategorija tad-daqs u l-preżentazzjoni għandhom jiġu mmarkati b'mod ċar u b'mod li ma jstax jitħassar, b'ittri li huma ta' l-inqas 5 ċm fit-tul, fuq tikketti li jithemżu mal-lott.

Il-piż nett f'kilogrammi għandu jkun immarkat b'mod ċar u li jinqara fuq kull lott. Fejn il-lottijiet jitqiegħdu għall-bejgħ f'kaxxex standard, m'hemmx bżonn li jintwera l-piż nett jekk ikun jidher il-kontenut tal-kaxxa, meta jintiżnu qabel ma jitqiegħdu għall-bejgħ, sabiex jikkorrispondu mal-kontenut presunt imfisser f'kilogrammi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 162, tat-18.6.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1821/96 (ĠU L 241, tal-21.9.1996, p. 8).

<sup>(2)</sup> ĠU L 288, tal-11.10.1986, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 3071/95, tat-22.12.1995 (ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 14).

<sup>(3)</sup> ĠU L 171, tas-6.7.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament (KE) Nru 1075/96 (ĠU L 142, tal-15.6.1996, p. 1).

4. Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-metodu ta' l-użin u l-istabbiliment ta' varjazzjoni fil-piż nett, aktar jew taħt dak immarkat jew presunt permess għal kull lott, għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tar-Regolament bażiku.

#### L-Artikolu 9

Speċi pelaġiċi jistgħu jiġu ggradati f'kategoriji differenti ta' freskezza u ta' daqs fuq il-bażi ta' sistema ta' teħid ta' kampjuni. Din is-sistema għandha tiżgura li l-freskezza u d-daqs tal-prodotti fil-lott tkun kemm jista' jkun uniformi.

Regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, b'mod partikolari għall-istabbiliment tan-numru ta' kampjuni li għandhom jittieħdu, il-piż jew volum ta' ħut f'kull kampjun, u l-metodi għall-valutazzjoni tal-gradazzjoni u l-verifika tal-piż tal-lottijiet offerti għall-bejgħ għandhom jiġu addottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tar-Regolament bażiku.

#### L-Artikolu 10

Sabiex jiġu żgurati fornimenti lokali ta' gambli u grancijiet għal ċerti żoni kostali tal-Komunità, jistgħu jiġu addottati eżenzjonijiet mill-prezzijiet minimi speċifikati għal dawn il-prodotti fl-Anness II.

Għandhom jiġu stabbiliti ż-żoni msemmija u d-daqs ta' tqegħid fis-suq li jikkorrispondu addottat skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 32 tar-Regolament bażiku.

### D. Prodotti minn pajjiżi terzi

#### L-Artikolu 11

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(1), prodotti kif speċifikati fl-Artikolu 3 importati minn pajjiżi terzi għandhom jitpoġġew fuq is-suq biss jekk ikunu ppreżentati f'pakketti li fuqhom ikun hemm immarkat b'mod ċar u li jinqara t-tagħrif li ġej:

- il-pajjiż ta' l-orijini, stampat fittri Rumani għoljin ta' l-inqas 20 mm,
- l-isem xjentifiku tal-prodott u l-isem tal-kummerċ tiegħu,
- il-preżentazzjoni,
- il-kategoriji ta' freskezza u daqs,
- il-piż nett f'kilogrammi ta' prodotti fil-pakkett,
- id-data tal-gradazzjoni u d-data meta nbagħat,
- l-isem u indirizz tal-fornitur.

2. Madankollu, prodotti kif speċifikati fl-Artikolu 3 li jitħattew f'port tal-Komunità direttament mill-postijiet tas-sajd mill-vapuri li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz, u maħsubin biex jitpoġġew fuq is-suq, għandhom ikunu soġġetti għall-istess dispożizzjonijiet bħal dawk applikabbli għal qabdiet tal-Komunità, mingħajr ħsara għar-Regolament (KE) Nru 1093/94 <sup>(1)</sup>.

### E. Dispożizzjonijiet finali

#### L-Artikolu 12

1. L-industrija tas-sajd għandha tiggrada l-prodotti tas-sajd għall-kategoriji ta' freskezza *Extra*, A u B u għad-daqs f'kollaborazzjoni ma' esperti maħturin għal dak il-għan mill-organizzazzjonijiet tal-kummerċ involuti. L-Istati Membri għandhom jesezewixxu kontrolli biex jiżguraw konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

2. Fil-każ li l-gradazzjoni ma tiġix esegwita skond il-proċedura li hemm dispożizzjoni għaliha fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jagħmlu l-gradazzjoni huma stess.

#### L-Artikolu 13

Kull Stat Membru għandu jipprovi lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn xahar qabel ma jidħol fis-

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-26 ta' Novembru 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

E. KENNY

seħħ dan ir-Regolament, b'lista ta' l-ismijiet u ta' l-indirizzi ta' l-esperti u ta' l-organizzazzjonijiet tal-kummerċ msemija fl-Artikolu 12. L-Istati Membri l-oħra u l-Kummissjoni għandhom ikunu infurmati b'kull emenda għal-lista.

#### L-Artikolu 14

Qabel il-31 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar ir-riżultati ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 6(1), akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti xierqa.

#### L-Artikolu 15

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 103/76 u (KEE) Nru 104/76 huma b'dan il-mezz imħassra. Riferenzi għal dawk ir-Regolamenti għandhom jinftehem li japplikaw għal dan ir-Regolament.

#### L-Artikolu 16

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1997.
2. Minkejja il-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(1) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2000.

<sup>(1)</sup> ĠU L 121, tat-12.5.1994, p. 3.

## L-ANNEX I

## SKALI

## TA' FRESKEZZA

L-iskali stabbiliti f'dan l-Anness japplikaw għall-prodotti jew gruppi ta' prodotti li ġejjin, b'riferenza għall-kriterji ta' valutazzjoni speċifiċi għal kull wieħed minnhom.

## A. Ħut abjad

Bakkaljaw, meluzz, lipp, pollakkju, balottra, merlangu, linarda, marlozz, rajja, petriċa, *pouting* u *poor cod*, vopa, *picarel*, *conger*, *gurnard*, trilja, barbun tat-tbajja', *megrim*, lingwata, barbun, lingwata, *flounder*, *scabbard fish*.

## B. Ħut kaħlani

Alonga jew tonn tal-pinna twila, tonn tal-pinna blu, tonn ta' għajnejh kbar, merlangu blu, aringa, sardin, kavall, sawrell, inċova.

## C. Selachii

Dogfish, skate.

## D. Ċefalojdi

Cuttlefish.

## Krostaċi

1. Gambli,
2. Awwisti tan-Norveġja.

## A. ĦUT ABJAD

	Kriterju			
	Kategorija ta' freskezza			Mhux ammessi <sup>(1)</sup>
	Extra	A	B	
Ġilda	Pigment imżewwaq bl-ilwien tal-qawsalla u li jleqq (għajr għar- <i>redfish</i> ) jew li jibdel il-lewn bħall-opal; l-ebda telf tal-kulur	Pigmentazzjoni tleqq iżda mhux mogħtija l-lostru	Pigmentazzjoni fil-proċess li ssir bla kulur u skura	Pigmentazzjoni skura <sup>(2)</sup>
Mukus tal-ġilda	Milwiem, trasparenti	Xi ftit imdardar	Imħallba	Griż fl-isfar, mukus opak
Għajn	Konvessa (imqabbża); ħabba sewda u tleqq; kornea trasparenti	Konvessa u xi ftit mgħaddsa, ħabba sewda u mdallma; il-kornea li tiddel xi ftit il-lewn bħall-opal	Ċatta, il-kornea li tiddel xi ftit il-lewn bħall-opal, ħabba opaka	Konkavu fin-nofs; ħabba griża; kornea mħallba <sup>(2)</sup>
Garġi	Kulur ileqq, l-ebda mukus	Inqas kulurit; mukus trasparenti	Kannella/griż li jsir bla kulur; oħxon, mukus opak	Safrani; mukus imħalleb <sup>(2)</sup>
Peritonew (f'ħut imsew-wija)	Lixx; ileqq; diffiċli biex taqalgħu minn mal-ġilda	Xi ftit skur; jista' jinqala' minn mal-ġilda	Ittikkat; jinqala' faċilment minn mal-ġilda	Ma jwähhalx <sup>(2)</sup>

<sup>(1)</sup> Din il-kolonna tapplika biss sakemm tittieħed Deċizzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterji għal ħut li mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem, skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE.

<sup>(2)</sup> Jew fi stat ikbar ta' tħassir.

	Kriterju			Mhux ammessi <sup>(1)</sup>
	Kategorija ta' freskezza			
	Extra	A	B	
Ir-riħa tal-garġi u l-kavità abdominali				<sup>(2)</sup>
— Ħut abjad minbarra l-barbun tat-tbajja	Bl-alka tal-baħar	L-ebda riħa ta' alka; riħa newtrali	Fermentata; daqsxejn qarsa	Qares
— barbun tat-tbajja	Friska u żejtnija, bit-togħma tal-bżar, riħa tal-art	Żejtnija, bl-alka jew daqsxejn ħelwa	Żejtnija; fermentata; nejja; daqsxejn misnieh	Qares
Ġilda	B'saħħitha u elastika; superfiċi lixxa <sup>(3)</sup>	Inqas elastika	Xi ftit ratba (mpaħpħa); inqas elastika; qisha tax-xemgħa (bellusija) u superfiċi skura	Ratba (mpaħpħa) <sup>(2)</sup> ; qxur jinqalgħu malajr mill-ġilda; superfiċi xi ftit imkemmxa

### Kriterji Extra għal petriċa bir-ras

Vini (muskoli ventali)	Kontorn definit u aħmar ileqq	Kontorn definit; id-demmi jiskura	Mxerred u kannella	Totalment <sup>(2)</sup> jmxerred, il-ġilda ssir fil-kannella u fl-isfar
------------------------	-------------------------------	-----------------------------------	--------------------	--

<sup>(1)</sup> Din il-kolonna tapplika biss sakemm tittieħed Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterji għal ħut li mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem, skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE.

<sup>(2)</sup> Jew fi stat ikbar ta' tħassir.

<sup>(3)</sup> Ħut frisk qabel il-bidu tar-rigor mortis ma jkunx sod u elastiku imma jkun għadu ikkunsidrat fil-kategorija Extra.

### B. ĦUT KAĦLANI

	Kriterju			Mhux ammessi <sup>(1)</sup>
	Kategorija ta' freskezza			
	Extra	A	B	
Ġilda <sup>(2)</sup>	Pigmentazzjoni tleqq, kuluri jleqq u li jibdlu l-lewn bħall-opal; distinzjoni ċara bejn is-superfiċi dorsali u dik ċentrali	Telf ta' tleqqija; kuluri iktar skuri; inqas differenza bejn is-superfiċi dorsali u dik ventrali	Kuluri skuri, ma jleqqux, insipidi; ġilda mkemmxa meta l-ħuta tkun mgħawwġa	Pigmentazzjoni skura ħafna; il-ġilda tinqala' minn mal-laħam <sup>(3)</sup>
Mukus tal-ġilda	Milwiem, trasparenti	Ftit mdardar	Imhallba	Griz fl-isfar, mukus opak <sup>(3)</sup>
Konsistenza tal-laħam <sup>(2)</sup>	B'saħħitha, riġida	Ftit riġida, b'saħħitha	Daqxejn ratba	Ratba (mpaħpħa) <sup>(3)</sup>
Koperturi tal-garġi	Kulur il-fidda	Kulur il-fidda, daqsxejn fl-aħmar jew fil-kannella	Fil-kannella u b'tnixxiegħa estensiva ta' demm mill-vini	Fl-isfar <sup>(3)</sup>
Għajn	Konvessa, mqabbża; ħabba tleqq blu fl-iswed, "kappa ta' l-għajn" trasparenti	Konvessa u daqsxejn mgħaddsa; ħabba skura; kornea bil-kuluri tal-qawsalla	Ċatta; ħabba mċajpra; tnix-xija ta' demm madwar l-għajn	Konkavi fiċ-ċentru; ħabba griża; korneja mhallba <sup>(3)</sup>

<sup>(1)</sup> Din il-kolonna tapplika biss sakemm tittieħed Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterju għal ħut li mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem, skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE.

<sup>(2)</sup> Għal aringi u l-makarell priservat fl-ilma baħar frisk (jew iffriżat bis-silġ (CSW) jew imkessaħ b'mezzi mekkaniċi (RSW) bi qbil mal-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 92/48/KEE (ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41) l-Anness II, il-punt 8, japplikaw il-kategoriji ta' freskezza li ġejjin:  
— kriterju A japplika għall-kategoriji Extra u A.

<sup>(3)</sup> Jew fi stat iktar avvanzat ta' tħassir.

	Kriterju			Mhux ammessi <sup>(1)</sup>
	Kategorija ta' freskezza			
	Extra	A	B	
Garġi <sup>(2)</sup>	Aħmar skur għal vjola uniformi. L-ebda mukus	Kulur inqas ileqq, iktar ċar fit-truf. Mukus trasparenti	Mukus li jsir iktar magħqud, bla kulur u opak	Fl-isfar; mukus imħaleb <sup>(3)</sup>
Riħa tal-garġi	Alka friska; riħa qawwija; jodju	L-ebda riħa jew alka. Riħa newtrali.	Daqsxejn iffumigat <sup>(4)</sup> ; riħa ta' xaħmijiet, biċċiet tal- <i>bacon</i> misnieħ jew frott li mar	Qares <sup>(3)</sup>

<sup>(1)</sup> Din il-kolonna tapplika biss sakemm tittieħed Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterju għal ħut li mhuwiex tajeb għall-konsum mill-bniedem, skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE.

<sup>(2)</sup> Għal arinġi u l-makarell priservat fl-ilma baħar frisk (jew iffriżat bis-silġ (CSW) jew imkessaħ b'mezzi mekkaniċi (RSW)) bi qbil mal-ħtiġiet stabbiliti fid-Direttiva 92/48/KEE (ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41) l-Anness II, il-punt 8, japplikaw il-kategoriji ta' freskezza li ġejjin:  
— kriterju A japplika għall-kategoriji *Extra* u *A*.

<sup>(3)</sup> Jew fi stat iktar avvanzat ta' tħassir.

<sup>(4)</sup> Ħut imkessaħ jisnieħ qabel imur, CSW/RSW il-ħut imur qabel jisnieħ.

## Ċ. SELACHII

	Kriterju			Mhux ammessi <sup>(1)</sup>
	Kategorija ta' freskezza			
	Extra	A	B	
Għajn	Konvessa, tleqq ħafna u li tibdel il-lewn bħall-opal; ħbub żgħar	Konvessa u daqsxejn mgħaddsa; telf ta' tleqqija u ta' bdil tal-lewn bħall-opal; ħbub ovali	Ċatti, skuri	Konkava fl-isfar <sup>(2)</sup>
Dehra	Frigor mortis jew frigor parzjali; ikun hemm preżenti kwantità żgħira ta' mukus fuq il-ġilda	Wara l-istat tar-rigor; l-ebda mukus fuq il-ġilda u speċjalment fil-ħalq u l-ftuħ tal-garġi	Xi ftit mukus fil-ħalq u fil-ftuħ tal-garġi; xedaq daqsxejn ċatt	Kwantità kbira ta' mukus fil-ħalq u fil-ftuħ tal-garġi <sup>(2)</sup>
Riħa	Riħa ta' alka	L-ebda riħa jew ffit riħa ta' meta jmur imma mhux riħa ta' ammonja	Daqsxejn ammonja; qarsa	Riħa qawwija ta' ammonja <sup>(2)</sup>

## Kriterju speċifiku jew addizzjonali għal ħut kartilaġinuż

	Extra	A	B	Mhux ammessi
Ġilda	Pigmentazzjoni tleqq u li tibdel il-lewn bħall-opal, mukus milwiem	Pigmentazzjoni tleqq, mukus milwiem	Pigmentazzjoni fil-proċess li ssir bla kulur u skura, mukus opak	Telf ta' kulur, ġilda mkemmx, mukus magħqud
Tessut tal-laħam	B'saħħtu u elastika	B'saħħtu	Artab	Mpaħpaħ
Aspett	Tarf tax-xewka bil-kuluri tal-qawsalla u mgħawweġ	Xewk sod	Artab	Mgħawweġ
Żaqq	Bajda u tleqq bit-truf vjola madwar ix-xewka	Bajda u tleqq b'irqajja' ħomor limitati għal madwar ix-xewk	Bajda u skura, b'numru ta' irqajja' ħomor u sofor	Żaqq safra fl-aħdar irqajja' ħomor fil-laħam stess

<sup>(1)</sup> Din il-kolonna tapplika biss sakemm tittieħed Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-kriterju għal ħut li mhuwiex tajeb għall-konsum mill-bniedem, skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE.

<sup>(2)</sup> Jew fi stat iktar avvanzat ta' tħassir.



## D. ĊEFALĠUDI

	Kriterju		
	Kategorija ta' freskezza		
	Extra	A	B
Ġilda	Pigmentazzjoni tleqq, il-ġilda teħel mal-laħam	Pigmentazzjoni skura; il-ġilda teħel mal-laħam	Bla kulur; maqlugħ faċilment minn mal-laħam
Laħam	B'saħħtu ħafna, abjad fil-perla	B'saħħtu; abjad bħal ġibs	Daqsxejn artab; abjad fir-roża jew daqsxejn safrani
Tentakli	Jirreżistu t-tneħħija	Jirreżistu t-tneħħija	Jitneħħew iktar faċilment
Riħa	Friska; ta' l-alka	Bla riħa jew ftit	Riħa ta' linka

## E. KROSTAĊJI

## 1. Gambli

	Kriterju	
	Kategorija ta' freskezza	
	Extra	A
Ħtiġiet minimi	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Superfiċi tal-qoxra; mxarrba u tleqq</li> <li>— Il-gambli għandhom jiġu separati meta trasferiti minn kontenitur għall-ieħor</li> <li>— Il-laħam għandu jkun ħieles minn irwejjaħ oħra</li> <li>— Il-gambli għandu jkun ħieles minn ramel, mukus u affarijiet oħra</li> </ul>	L-istess bħall-Kategorija <i>Extra</i>
<i>Dehra ta':</i>		
1. gambli bil-qoxra	Kulur ċar aħmar fir-roża b'tikek zġhar bojod; il-parti tas-sider tal-qoxra hija ċara fil-kulur tagħha.	— Jinbidel fil-kulur minn aħmar fir-roża ċar għal aħmar fil-blu b'tikek bojod; il-parti tas-sider tal-qoxra għandha tkun ċara fil-griż
2. krostaċi tal-qiegħ	Dejjem roża	— Roża bil-possibbiltà ta' bidu li r-ras tiswied.
Kondizzjoni tal-laħam waqt u wara it-tneħħija tal-qxur	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Jitqaxxar faċilment bi ftit telf ta' laħam</li> <li>— B'saħħtu iżda mhux iebes</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Jitqaxxar inqas faċilment bi ftit telf ta' laħam</li> <li>— Inqas b'saħħtu u daqsxejn iebes</li> </ul>
Biċċiet	Biċċiet tal-gambli kultant jitħallew	Kwantità zġhira ta' biċċiet tal-gambli permessi
Riħa	Alka friska; b'daqsxejn riħa ħelwa	Morr; l-ebda riħa ta' alka

## 2. Awwista tan-Norveġja

	Kriterju		
	Kategorija ta' freskezza		
	Extra	A	B
Qoxra	Roża ċar jew roża li ssir fl-oranġjo-aħmar	Roża ċar jew roża li ssir fl-oranġjo-aħmar; l-ebda tikek suwed	Daqsxejn telf ta' kulur; xi tikek suwed u kulur fil-griż, b'mod partikolari fuq il-qoxra u bejn is-segmenti tad-denb
Għajn u garġi	Għajnejn suwed ileqqu; garġi roża	Għajnejn skuri u fl-iswed/griż; garġi fl-iswed	Garġi griżi skuri jew xi ffit ħodor fuq is-superfiċi dorsali tal-qoxra
Riħa	Riħa mhux ħarxa karatteristika tal-frott tal-baħar	Telf tar-riħa karatteristika tal-frott tal-baħar. L-ebda riħa ta' ammonja	Daqsxejn qarsa
Laħam (denb)	B'kuluri tal-qawsalla u ta' kulur blu fl-abjad	Mhux iktar b'kuluri tal-qawsalla iżda mhux bla kulur	Opak u skur fid-dehra

## L-ANNEX II

## KATEGORIJI TAD-DAQS

Skala ta' użin				Qisien minimi li għandhom jiġu osservati fil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 7		
Speċi	Qies	Kg/ħut <sup>(1)</sup>	Numru ta' ħut/kg <sup>(2)</sup>	Reġjun	Arja ġeografika	Qies minimu
Aringa ( <i>Clupea harengus</i> )	1	0,25 u iktar	4 jew inqas	1	ICES Vb (żona KE)	20 ċm
	2	0,125 sa 0,25	5 sa 8	2		<sup>(a)</sup>
	3	0,085 sa 0,125	9 sa 11	3	<sup>(b)</sup>	18 ċm
	4	0,05 sa 0,085	12 sa 20		20 ċm	
	5	0,031 sa 0,085	12 sa 32			
Aringa Baltika maq- buda mniżżla fl-art, tra- muntana ta' 59°30'N	1	0,067 u iktar	15 jew inqas			Għadu mhux stabbilit
	2	0,042 sa 0,067	16 sa 24			
	3	0,028 sa 0,042	25 sa 35			
	4	0,015 sa 0,028	36 sa 67			
Mediterran		0,011 sa 0,028	36 sa 91			
Dogfish tat-tikek ( <i>Scyliorbinus</i> spp.)	1	2 jew aktar	—			—
	2	1 sa 2				
	3	0,5 sa 1				
Piked dogfish ( <i>Squalus acanthias</i> )	1	2,2 u aktar	—			—
	2	1 sa 2,2				
	3	0,5 sa 1				
Redfish ( <i>Sebastes</i> spp.)	1	2 jew aktar	—			—
	2	0,6 sa 2				
	3	0,35 sa 0,6				
Merluzz ( <i>Gadus morhua</i> )	1	7 jew aktar	—	1	ICES Vb (żona KE)	35 ċm
	2	4 sa 7		2		<sup>(a)</sup>
	3	2 sa 4		3 Baltiku	<sup>(b)</sup>	30 ċm
	4	1 sa 2			35 ċm	
	5	0,3 sa 1			35 ċm	
Saithe ( <i>Pollachius virens</i> )	1	5 jew aktar	—	1	ICES Vb (żona KE)	35 ċm
	2	3 sa 5		2		<sup>(a)</sup>
	3	1,5 sa 3		3 Baltiku	<sup>(b)</sup>	30 ċm
	4	0,3 sa 1,5			35 ċm	
Balottra ( <i>Melanogrammus aeglefinus</i> )	1	1 jew aktar	—	1	ICES Vb (żona KE)	30 ċm
	2	0,57 sa 1		2		<sup>(a)</sup>
	3	0,37 sa 0,57		3	<sup>(b)</sup>	27 ċm
	4	0,17 sa 0,37			30 ċm	
Merlangu ( <i>Merlangius merlangus</i> )	1	0,5 jew aktar	—	1	ICES Vb (żona KE)	27 ċm
	2	0,35 sa 0,5		2		<sup>(a)</sup>
	3	0,25 sa 0,35		3	<sup>(b)</sup>	23 ċm
	4	0,11 sa 0,25			23 ċm	
Ling ( <i>Molva</i> spp.)	1	5 jew aktar	—	1	ICES Vb (żona KE)	—
	2	3 sa 5		2		<sup>(a)</sup>
	3	1,2 sa 3		3	<sup>(b)</sup>	— 63 ċm

(1) Il-kategoriji ta' piżijiet jinkludu ħut mill-inqas limitu sa, iżda li jeskludu, l-ogħla limitu.

(2) Għall-makkarell taż-żewġ speċi, numru ta' ħut/25 kg.

<sup>(a)</sup> Minbarra Skagerrak u Kattegat.<sup>(b)</sup> Skagerrak u Kattegat.

Skala ta' użin				Qisien minimi li għandhom jiġu osservati fil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 7		
Speċi	Qies	Kg/ħut (¹)	Numru ta' ħut/kg (²)	Reġjun	Arja ġeografika	Qies minimu
Makarell ta' l-ispeċi <i>Scomber scombrus</i> Mediterran	1	0,5 u aktar	50 jew anqas	1	Għajr il-baħar tat-Tramuntana Il-baħar tat-Tramuntana  Il-Mediterran	20 ċm
	2	0,2 sa 0,5	51 sa 125	2		20 ċm
	3	0,1 sa 0,2	126 sa 250	3		30 ċm
		0,08 sa 0,2	126 sa 325	5		20 ċm
					20 ċm	
						18 ċm
Makarell ta' l-ispeċi <i>Scomber japonicus</i>	1	0,5 u aktar	—			—
	2	0,25 sa 0,5				
	3	0,14 sa 0,25				
	4	0,05 sa 0,14				
Inċova ( <i>Engraulis spp.</i> )	1	0,033 u aktar	30 jew anqas	3	Barra ICES IXa) ICES IXa) Il-Mediterran	12 ċm
	2	0,020 sa 0,033	31 sa 50	3		10 ċm
	3	0,012 sa 0,020	51 sa 83			9 ċm
	4	0,008 sa 0,012	84 sa 125			
Plaice ( <i>Pleuronectes platessa</i> )	1	0,6 u aktar	—	1	(a) (b) Il-baħar tat-Tramuntana  Suddiviżjoni 22 sa 25 Suddiviżjoni 26 sa 28 Suddiviżjoni 29 Nofsinhar ta' 59°30'N	25 ċm
	2	0,4 sa 0,6		2		25 ċm
	3	0,3 sa 0,4		3 Baltiku		27 ċm
	4	0,15 sa 0,3				27 ċm
					25 ċm	
					25 ċm	21 ċm
					18 ċm	
Marlozz ( <i>Merluccius merluccius</i> )	1	2,5 u aktar	—	1	(a) (b)  Mediterran	30 ċm
	2	1,2 sa 2,5		2		30 ċm
	3	0,6 sa 1,2		3		30 ċm
	4	0,28 sa 0,6				27 ċm
	5	0,2 sa 0,28				20 ċm
Mediterran Megrin ( <i>Lepidorhombus spp.</i> )	1	0,15 sa 0,28	—	1	(a) (b)	25 ċm
	2	0,45 u aktar		2		25 ċm
	3	0,25 sa 0,45		3		25 ċm
	4	0,20 sa 0,25				20 ċm
Mediterran Rajja ( <i>Brama spp.</i> )	1	0,05 sa 0,20	—			—
	2	0,8 u aktar				
Petriċa ( <i>Lophius spp.</i> ) sħiħa, imnaddfa	1	8 u aktar	—	1	(a) (b)  Mediterran	—
	2	4 sa 8		2		għadu mhux stabbilit
	3	2 sa 4		3		—
	4	1 sa 2				għadu mhux stabbilit
	5	0,5 sa 1				30 ċm
Petriċa ( <i>Lophius spp.</i> ) bir-ras maqtugħa	1	4 u aktar	—			—
	2	2 sa 4				
	3	1 sa 2				
	4	0,5 sa 1				
	5	0,2 sa 0,5				
Barbun ( <i>Limanda limanda</i> )	1	0,25 u aktar	—	1	(a) (b)	15 ċm
	2	0,13 sa 0,25		2		15 ċm
				3	Il-baħar tat-Tramuntana	23 ċm
						23 ċm

(¹) Il-kategoriji ta' piżijiet jinkludu ħut mill-inqas limitu sa, iżda li jeskludu, l-ogħla limitu.

(²) Għall-makkarell taż-żewġ speċi, numru ta' ħut/25 kg.

(a) Minbarra Skagerrak u Kattegat.

(b) Skagerrak u Kattegat.

Skala ta' użin				Qisien minimi li għandhom jiġu osservati fil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 7		
Speċi	Qies	Kg/ħut <sup>(1)</sup>	Numru ta' ħut/kg <sup>(2)</sup>	Reġjun	Arja ġeografika	Qies minimu
Lingwata ( <i>Microstomus kitt</i> )	1	0,6 u aktar	—	1	(a) (b)	25 ċm
	2	0,35 sa 0,6	—	2		25 ċm
	3	0,18 sa 0,35	—	3		25 ċm
Alonga jew tonn tal-pinna twila ( <i>Thunnus alalunga</i> )	1	4 u aktar	—			—
	2	1,5 sa 4	—			—
Tonna tal-pinna blu ( <i>Thunnus thynnus</i> )	1	70 u aktar	—		Mediterran	70 ċm jew 6,4 kg
	2	50 sa 70	—			
	3	25 sa 50	—			
	4	10 sa 25	—			
	5	6,4 sa 10	—			
Tonn ta' għajnejn kbar ( <i>Thunnus obesus</i> )	1	10 u aktar	—			—
	2	3,2 sa 10	—			—
Pollakkju ( <i>Pollachius pollachius</i> )	1	5 u aktar	—	1	(a) (b)	—
	2	3 sa 5	—	2		30 ċm
	3	1,5 sa 3	—	3		—
	4	0,3 sa 1,5	—			30 ċm
Merlangu kaħlani ( <i>Micromesistius poutassou</i> jew <i>Gadus poutassou</i> )	1	—	7 jew anqas			—
	2	—	8 sa 14			—
	3	—	15 sa 25			—
	4	—	26 sa 30			—
Pouting ( <i>Trisopterus luscus</i> ) u <i>poor cod</i> ( <i>Trisopterus minutus</i> )	1	0,4 u aktar	—	3		Għadu mhux stabbilit
	2	0,25 sa 0,4	—			
	3	0,125 sa 0,25	—			
	4	0,05 sa 0,125	—			
Vopi ( <i>Boops boops</i> )	1	—	5 jew anqas			—
	2	—	6 sa 31			—
	3	—	32 sa 70			—
Pikarel ( <i>Maena sararis</i> )	1	—	20 jew anqas			—
	2	—	21 sa 40			—
	3	—	41 sa 90			—
Conger eel ( <i>Conger conger</i> )	1	7 u aktar	—	1	(a) (b)	—
	2	5 sa 7	—	2		58 ċm
	3	0,5 sa 5	—	3		58 ċm
Gallinetta ( <i>Trigla</i> spp.) Tub gurnard	1	1 u aktar	—			—
	2	0,4 sa 1	—			—
	3	0,2 sa 0,4	—			—
	4	0,06 sa 0,2	—			—
Gallinetti oħra	1	0,25 u aktar	—			—
	2	0,2 - 0,25	—			—
Sawrell ( <i>Trachurus</i> spp.)	1	0,6 u aktar	—	1	Mediterran	15 ċm
	2	0,4 sa 0,6	—	2		15 ċm
	3	0,2 sa 0,4	—	3		15 ċm
	4	0,08 sa 0,2	—	5		15 ċm
	5	0,02 sa 0,08	—			12 ċm

(1) Il-kategoriji ta' piżijiet jinkludu ħut mill-inqas limitu sa, iżda li jeskludu, l-ogħla limitu.

(2) Għall-makkarell taż-żewġ speċi, numru ta' ħut/25 kg.

(a) Minbarra Skagerrak u Kattegat.

(b) Skagerrak u Kattegat.

Skala ta' użin				Qisien minimi li għandhom jiġu osservati fil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 7		
Speċi	Qies	Kg/ħut <sup>(1)</sup>	Numru ta' ħut/kg <sup>(2)</sup>	Reġjun	Arja ġeografika	Qies minimu
Mulett ( <i>Mugil spp.</i> )	1	1 u aktar	—	1	(a) (b) Mediterran	—
	2	0,5 sa 1		2		20 ċm
	3	0,2 sa 0,5		3		20 ċm
	4	0,1 sa 0,2				16 ċm
Rajja ( <i>Raja spp.</i> )	1	5 u aktar	—			—
	2	3 sa 5				
	3	1 sa 3				
	4	0,3 sa 1				
Rajja ( <i>Wings</i> )	1	3 u aktar	—			—
	2	0,5 sa 3				
Barbun ta' l-għajn ( <i>Platichthys flesus</i> )	1	ikbar minn 0,3	—	1	(a) (b) suddiviżjoni 22-25 suddiviżjoni 26-28 suddiviżjoni 29-32 Nofsinhar ta' 59°30'N	24 ċm
	2	0,2 sa 0,3 inkluż		2		24 ċm
				3		24 ċm
				Baltiku		25 ċm 21 ċm 18 ċm
Lingwata ( <i>Solea spp.</i> )	1	0,5 u aktar	—	1	(a) (b) Mediterran	24 ċm
	2	0,33 sa 0,5		2		24 ċm
	3	0,25 sa 0,33		3		24 ċm
	4	0,17 sa 0,25				24 ċm
	5	0,12 sa 0,17 <sup>(3)</sup>				20 ċm
	1	0,5 u aktar				
	2	0,33 sa 0,5				
	3	0,25 sa 0,35				
	4	0,20 sa 0,25				
	5	0,12 sa 0,2 <sup>(4)</sup>				
Frost fish ( <i>Lepidopus caudatus</i> )	1	3 u aktar	—			—
	2	2 sa 3				
	3	1 sa 2				
	4	0,5 sa 1				
Fjamma sewda ( <i>Aphanopus carbo</i> )	1	3 u aktar			—	
	2	0,5 sa 3				
		—				
Siċċa ( <i>Sepia officinalis</i> u <i>Rossia macrosoma</i> )	1	0,5 u aktar	—			—
	2	0,3 sa 0,5				
	3	0,1 sa 0,3				
Awwista Norveġiża ( <i>Nephrops norvegicus</i> )	1	—	20 u anqas	2	Skagerrak u Kattegat	40 mm (*)
	2		21 sa 30	2	minbarra l-Iskozja Il-Baħar Irlandiż [ICES VIa u VIIa)], Skagerrak u Kattegat	130 mm (**)
	3		31 sa 40			25 mm (*)
	4		iktar minn 40	2	Skozja tal-Lvant u Il-Baħar Irlandiż [ICES VIa u VIIa]	85 mm (**)
				2		20 mm (*)
				3		70 mm (**)
					Mediterran	20 mm (*) 70 mm (**)

(\*) Tul tal-qoxra.

(\*\*) Tul totali.

(1) Il-kategoriji ta' piżijiet jinkludu ħut mill-inqas limitu sa, iżda li jeskludu, l-ogħla limitu.

(2) Għall-makkarell taż-żewġ speċi, numru ta' ħut/25 kg.

(3) Din il-kolonna għandha tapplika sal-31 ta' Diċembru 1997.

(4) Din il-kolonna għandha tapplika sa l-1 ta' Jannar 1998.

(a) Minbarra Skagerrak u Kattegat.

(b) Skagerrak u Kattegat.

Skala ta' użin				Qisien minimi li għandhom jiġu osservati fil-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti msemmija fl-Artikolu 7		
Speċi	Qies	Kg/ħut <sup>(1)</sup>	Numru ta' ħut/kg <sup>(2)</sup>	Reġjun	Arja ġeografika	Qies minimu
Denb ta' l-awwista Norveġiża	1	—	60 u anqas 61 sa 120	2	Skagerrak u Kattegat	72 mm
	2			minbarra l-Iskozja tal-Lvant Il-Baħar Irlandiż [ICES VIa) u VIIa)] , Skagerrak u Kattegat	46 mm	
	3				L-Iskozja tal-Lvant u Il-Baħar Irlandiż [ICES VIa) u VIIa)]	37 mm
	4			37 mm		
Gamblu tar-ramel ( <i>Crangon crangon</i> )	1 2	6,8 mm u iktar <sup>(3)</sup> 6,5 mm u iktar	—			—
Gambli <i>Pandalid</i> ( <i>Pandalus borealis</i> ) friski jew iffriżati	Qies wie-ħed	—	250 u anqas			—
Gambli <i>Pandalid</i> mgħollija jew fuq il-fwar	1	—	160 u inqas 161 sa 250			—
	2					—
Granċ li jittiekel ( <i>Cancer pagurus</i> )	1	16 ċm u aktar <sup>(4)</sup> 13 sa 16 ċm <sup>(4)</sup>	—			—
	2					—

<sup>(1)</sup> Il-kategoriji ta' piżijiet jinkludu ħut mill-inqas limitu sa, iżda li jeskludu, l-ogħla limitu.

<sup>(2)</sup> Għall-makkarell taż-żewġ speċi, numru ta' ħut/25 kg.

<sup>(3)</sup> Wisa' tal-qoxra.

<sup>(4)</sup> Wisa' tal-qoxra fl-usa' pożizzjoni.